MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1990/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Giles abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Michael Giles [480524(M)]**

**Vs**

**Lourdes Dandolo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u disgha w erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm149.92c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Michael Giles assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm124.92c), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Michael Giles in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Jannar, 2004 gewwa Robert Sammut Road, kantuniera ma' National Road, Floriana, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Michael Giles, bin-numru ta' registrazzjoni DAW 567 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni HAL 969.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija u disgha w erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm149.92c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------